# TAHT IS-SALIB

Bla kliem, bla saħħa,
Fil-ħofra għajnejha,
Lewn qarst ix-xama'
Sofor ħaddejha!

Dagħa, swat, kliem faħxi...
Jiħrax u jżid,
Sjuf jaqsmu 'l qalbha,
Kollox imqit.

Minn fost il-ħamba
Jaqsam il-qlub:
Tismir jinstama',
Kristu mislub!

Tisboq fil-qawwa
Qalbha lis-saħħa:
Għax Alla żammha
Hajja, biex Magħha

Jorbot 'il qlubna
Sħaħ u felħana:
Għax Hu taha lilna
Sad-dwiem, b'Omm tagħna!

* * *

Għidli Madonna,
Omm l-uġigħat,
Kif minn fuq Ibnek
Kien heda s-swat?

Iżda, biex tiġi
Imwettqa l-bxara,
"Li ksur minn Għadmu
Ma kellux jara",

U biss fadallek
Li ġġarrab trid,
Sejf ieħor f'qalbek:
L-uġigħ iżżid

Bid-daqqa kiefra
Fil-kustat Tiegħu,
U magħha l-weġgħa
Hassejtha Miegħu,

Kien hemm xi rwejħa
Li tatek serħ,
Jew f'qalbek sawbet
Balzmu ta' ferħ,

Fejn l-akbar ħasra
Kont qiegħda ġġib,
F'baħar ta' niket
Taħt is-Salib?

* * *

Min jista' jfisser
X'żammejt mistur
Ġe' qalbi mnikkta,
Sakemm minxur

Rajt l-għażiż Ibni
Fuq is-Salib?
Kemm xrobt duluri!
Kemm rajt tiġrib?!

Iżda bħal balzmu
Hassejt ġe' fija
Mewġa ta' kelma,
Tleħħ, daħkanija!

Kelma ta' mħabba,
Kelma ta' ġieħ,
F'qalbi w f'widnejja
Daqqet sabiħ.

Minn fomm ta' wieħed
Mill-ħallelin,
Mislub ħdejn ibni,
Lejn il-lemin.

Sogħba qawwija
Ġriet fuq ħaddejh,
U mħabba rżina
Fi ħbub għajnejh.

U bħal min qalbu
Faret bl-uġigħ,
Ferragħ imkebbes
Kelma ta' ġieħ,

Li ħarġet taħraq
Bħal-lsien tan-nar,
Biex diqa, mqata,
Niket u mrar,

Ta' qalb miġugħa
B'mewta fil-qrib,
Ta' Ibni msammar
Fuq is-Salib,

Għal ftit itaffi,
Jagħti mistrieħ,
B'kelma li tnisslet
Minn fomm sabiħ,

B'duwa ta' balzmu,
Sabar il-qlub,
F'Ruħ bl-hemm imfawra
T'Ibni mislub!

Balzmu ta' hena,
Kif taf trodd Id,
M'hux ta' dil-ħajja...
Hekk smajtha tgħid:

* * *

Ma tibżax m'nn Alla,
Għajn ta' Qdusija?
Dan magħdud b'ħati,
Iżda bla ħtija!

Li f'nofsna qiegħed
Mifni bl-uġigħ,
Fuq għuda msammar,
Għuda bla ġieħ.

Dan Bniedem-Alla.
Għerf, Tjieba w Ġid!
Ta' kollha l-ħlejjaq
Hu waħdu s-Sid.

Kienu l-qlub kiefra
Sa mill-egħruq,
Tal-Lhud, li wasslu
Lil Dan hawn fuq.

Fuqna, l-Ħaqq jitlob,
Li nħallsu l-piena
Ta' ksur jedd ħutna,
La konna ħżiena!

Ħa nħallsu mmela,
Bil-mewt ħtijietna:
Min jagħmel, jaħmel,
Ħaqqna għal dnubietna.

Lilek u lili,
Żewġ kbar ħatjin,
Jistħoqq li nkunu
Hawn mislubin.

* * *

Hekk tkellem Diżma,
B'qalb imbikkija,
Mal-ħalliel l-ieħor
Tax-xellugija,

Li kellu qalbu
Ġiefja w ġeblija,
Żienja w qattiela,
B'kull għajb mimlija,

Li kien qed jidgħi
Bħal dib mitluf
Lil Ġesù ħiemed
Bħala Ħaruf.

* * *

U traku Diżma
Xeħet, għajjiena,
Għajnejh lejn Kristu
Ħarsa ta' ħniena;

U b'qalb miksura:
"Daħħalni Miegħek"
Qallu "kif tidħol
Fis-saltna Tiegħek",

"Niedem nitolbok,
Tiftakar fija
X'ħin tkun f'Saltnatek
F'Sebħ it-tgawdija".

* * *

Kif din it-talba
Minn qalb sogħbiena
Jien smajt – bkiet qalbi,
Ġarrabt hekk ħniena,

Illi tlabt 'l Ibni
Ġesù fis-sikta
Li jisma' t-talba
Minn qalbi mnikkta.

W it-talba kiebja
Tiegħi jilqagħha
U jdaħħlu Miegħu
Fis-Sebħ tas-Saħħa.

Leħħet xewqati,
B'wasla bikrija,
Mal-fehma t'Ibni,
Bħal dell mad-dija,

Għax smajt iwieġeb
Dan l-Iben tiegħi:
"Illum tkun inti
Fil-Ġenna Miegħi".

Mejju, 1942.

R. M. B.